MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 352/2008

**Kasco Limited**

**Vs**

**Medsea Shipping Agency Limited fil-kwalita' taghha bhala agent ta' China Shipping (Malta) Agency Company Limited**

**u**

**Malta Freeport Corporation Limited li b'digriet tas-17 ta' Settembru, 2009 giet sostitwita mas-socjeta' Malta Freeport Terminals Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjetajiet konvenuti jigu kkundannati li jhallsu lis-socjeta' attrici l-ammont li ghandu jigi determinat minn dina l-Onorabbli Qorti u li ma jeccedix hdax-il elf sitt mija u hamsin Ewro (€11,650), rapprezentanti f'danni sofferti mis-socjeta' mittenti in konnessjoni mal-container numru CCLU2166780 li kellu jasal Malta fil-31 ta' Ottubru tas-sena 2007 u li minhabba f'negligenza da parti taghhom, jew minn minnhom jinstab responsabbli minn din l-Onorabbli Qorti, spicca sabiex wasal Malta fil-11 ta' Jannar, 2008 b'konsegwenza illi s-socjeta' mittenti sofriet danni li ma jeccedux hdax-il elf sitt mija u hamsin Ewro (€11,650) kif jixhdu d-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok A sa Dok J u kif jigi rilevat fid-dettal matul is-smiegh tal-kawza.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Malta Freeport Corporation Limited fejn esponiet:

1. Illi s-socjeta' esponenti ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici jew ma' dik konvenuta hlief li hija l-Awtorita' regolatrici tal-Freeport – kostitwita bl-Att dwar il-Freeports (Kap. 334 tal-Ligijiet ta' Malta); is-socjeta' esponenti ma ghandha x'taqsam xejn mal-operazzjonijiet ta' tghabbija jew hatt ta' containers li jsiru fil-Freeport hlief li tillicenzja l-operaturi li jwettqu operazzjonijiet fil-Freeport u li tara li dawn qed joperaw a tenur tal-Ligi u tal-kondizzjonijiet tal-licenzja rilaxxjata minnha.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' esponenti ma kienitx negligenti fit-twettiq tal-funzjoni taghha bhala Awtorita' tal-Freeport u ma tistax twiegeb ghall-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici dwar container partikolari li qatt ma kien fir-responsabbilita' taghha.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Medsea Shipping Agency Limited fil-kwalita' taghha ta' agent ta' China Shipping (Malta) Agency Company Limited fejn issottomettiet:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' intimata qed teccepixxi li hija mhix il-legittimu kuntradditur fil-kwalita' taghha ta' agent hekk kif citat fir-rikors promotorju tas-socjeta' attrici.
2. Illi fil-mertu t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk ikun il-kaz illi waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza jirrizulta li kien hemm xi tip ta' negligenza fil-konfront tar-rikorrenti a rigward il-konsenja in kwistjoni, dan certament ma kienx da parti tas-socjeta' konvenuta izda tas-socjeta' konvenuta l-ohra Malta Freeport Corporation Limited.
4. Illi l-intimata m'ghandha taghti xejn in linea ta' danni lir-rikorrenti u fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost id-danni pretizi mir-rikorrenti ghandhom jigu ppruvati skond il-ligi.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi fil-ligi.

Rat illi permezz ta' rikors[1] iddatat 14 ta' Novembru 2008 is-socjeta' attrici talbet lil dina l-Qorti sabiex, *"… …ai termini ta' l-Artiklu 175 ta' Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tippermetti s-sostituzzjoni tas-socjeta' konvenuta Malta Freeport Corporation Limited mas-socjeta' Malta Freeport Terminals Limited (C 27581) u tordna n-notifika lill-istess socjeta' fl-indirizz Freeport Centre, Kalafrana, Birzebbugia, u dana skond dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabli Qorti jidrilha xierqa u opportuni."*

Rat illi b'digriet tas-17 ta' Settembru 2009 dina l-Qorti laqghet it-talba kif mitluba tas-socjeta' attrici tar-rikors iddatat 14 ta' Novembru 2008 u ordnat u awtorizzat lis-socjeta' Malta Freeport Terminals Limited sabiex tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fi zmien ghoxrin gurnata mit-23 ta' Settembru 2009.[2]

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Limited fejn issottomettiet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti b'perijodu ta' tnax-il xahar ai termini ta' l-Art. 4 tal-Bill of Lading in kwistjoni, li kopja taghha giet ezebita mir-rikorrenti stess fl-atti ta' dina l-kawza bhala Dok. A;
2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti, u dana stante illi s-socjeta' eccipjenti ma naqqset bl-ebda mod fl-obbligi

[1] Ara r-rikors a fol. 29 tal-process.
[2] Ara d-digriet a fol. 30 tal-process.

taghha versu l-partijiet l-ohra fil-kawza, u dana kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Rat illi permezz ta' nota ddatata 17 ta' Novembru 2010 is-socjeta' attrici cediet l-atti limitament fil-konfront tas-socjeta' Malta Freeport Corporation Limited;[3]

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011, is-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd eccepiet il-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.[4]

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali ta' Dr. Michael Zammit Maempel ghas-socjeta' Malta Freeport Terminals Ltd.

Rat in-nota ta' sottomissjonijet tas-socjeta' attrici Kasco Limited.

Fis-seduta tat-13 t'April 2015,[5] sar is-segwenti verbal:

*« Il-Qorti qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza stante li rrizultalha li apparti l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni fir-risposta taghha, is-socjeta Malta Freeport Terminals Limited kienet ukoll eccepiet il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili (ara fol. 53 tal-process).*

*Illi peress li quddiem din il-Qorti kif presjeduta giet trattata biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht il-bill of lading u mhux ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata fil-mori tal-kawza taht l-Artikolu*

[3] Ara n-nota tas-socjeta' attrici a fol. 51 tal-process.
[4] Ara fol. 53 tal-process.
[5] Ara fol. 81 tal-process.

*2153 tal-Kodici Civili (fol. 53 tal-process), il-Qorti qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex is-socjeta Malta Freeport Terminals Limited tiddikjara jekk ghadhiex tinsisti fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni taht il-Kodici Civili u f'tali kaz issir it-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward. »*

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2015,[6] Dottor Michael Zammit Maempel ghas-socjeta konvenuta Malta Freeport Terminals Limited, irtira l-eccezzjoni minnu sollevata fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 (fol. 53) tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. F'dik is-seduta Dottor Zammit Maempel iddikjara wkoll li *« huwa qed jistrieh fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a fol. 44 li hemm imsemmija fl-ewwel eccezzjoni tar-risposta tas-socjeta Malta Freeport Terminals Limited.*

F'dik is-seduta il-kawza giet differita ghal lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

1. Is-socjeta' attrici ordnat kunsinna ta' karti ghal klijent lokali taghha, liema kunsinna waslet Malta fil-gurnata li kienet destinata li tasal u cioe, fil-31 ta' Ottubru 2007[7] gewwa l-container fuq il-vapur CMA CGM Nabucco tal-linja tal-garr tal-merkanzija China Shipping Container Lines (Hong Kong) Co. Ltd[8].
2. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta attrici allegat li meta marret biex iggorr il-container, irrizulta li dana l-container kien diga inhatt minn fuq l-vapur u ghal xi raguni injota gie mghobbi abbord vapur iehor gewwa l-Freeport, liema vapur telaq bil-container abbord;[9]
3. Il-container wasal Malta fl-10 ta' Jannar 2008 abbord il-vapur Cristina A;[10]

---

[6] Ara fol. 82 tal-process.
[7] Ara l-ewwel Notice of Arrival mmarkata bhala Dok B a fol. 3 tal-process.
[8] Ara l-Bill of Lading immarkata bhala Dok A a fol. 2 tal-process.
[9] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici a fol. 76 tal-process.
[10] Ara t-tieni Notice of Arrival immarkata bhala Dok C a fol. 4 tal-process.

4. Is-socjeta attrici qed tallega li minhabba dan l-izball u d-dewmien fil-wasla tal-merkanzija hija sofriet danni u qed titlob li s-socjetajiet konvenuti jirrizarcuha.
5. Il-proceduri odjerni gew intavolati fil-21 ta' Ottubru 2008;[11]
6. Is-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd giet innotifikata bil-proceduri odjerni fit-13 ta' Awwissu 2010.[12]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni preliminari fir-risposta tas-socjeta konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd. fejn eccepiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 4 tal-polza ta' karigu in kwistjoni.

L-Artikolu 4 tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' karigu in kwistjoni jghid is-segwenti:

*"Time Bar. All liability whatsoever of the Carrier shall cease unless suit is brought within 12 months after delivery of the goods or the date when the goods should have been delivered."*[13]

Il-polza ta' karigu hija kuntratt bejn il-carrier, li f'dan il-kaz kienet is-socjeta' China Shipping Container Lines (Hong Kong) Co. Ltd, rapprezentata mis-socjeta konvenuta Medsea Shipping Agency Limited, is-shipper, u cioe' l-karigatur tal-merkanzija, (li f'dan il-kaz hija s-socjeta' attrici) u l-consignee u cioe' d-destinatarju/kunsinjatur tal-merkanzija (u li f'dan il-kaz hija s-socjeta' attrici ukoll).

Is-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd ma kienitx wahda mill-partijiet fil-polza ta' karigu u konsegwentement il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fil-polza ma japplikawx ghaliha, u la tista' tinvokahom favur taghha u lanqas jistghu jigu invokati kontra taghha.[14]

---

[11] Ara l-avviz a fol. 1 tal-process.
[12] Ara r-riferta pozittiva tan-notifika ta' l-avviz a fol. 43 tal-process.
[13] Ara fol. 60 tal-process.
[14] Ara Artikolu 1001 tal-Kodici Civili: *"Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi."*

Ghaldaqstant, din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Malta Freeport Terminals Ltd. qed tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Ghalhekk ghal ragunijiet fuq premessi, il-Qorti qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd, bl-ispejjez kontra taghha.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------